C/2025/5494

9.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12063 — SUNSTONE / PLATINUM GLOBE / DIGITALBRIDGE / SKYLINE JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5494)

1. Fit-23 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sunstone Investment Pte Ltd ("Sunstone", Singapore), amministrata minn GIC Special Investments Pte. Ltd ("GICSI", Singapore),

— Platinum Globe A 2013 RSC Limited ("Platinum Globe", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata minn Abu Dhabi Investment Authority ("ADIA", l-Emirati Għarab Magħquda),

— DigitalBridge Group, Inc. ("DigitalBridge", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Skyline JV, LP ("Skyline JV", il-Gżejjer Cayman), li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn DigitalBridge u minn parti terza.

Sunstone, Platinum Globe u DigitalBridge se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Skyline JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Sunstone hija kumpanija azzjonarja stabbilita bl-għan li żżomm l-investimenti ta' GICSI f'ekwità privata, kapital ta' riskju, infrastruttura, u investimenti diretti f'kumpaniji privati,

— Platinum Globe hija sussidjarja ta' ADIA, investitur istituzzjonali globali inkarigat mill-investiment tal-kapital tal-gvern mill-Gvern ta' Abu Dhabi,

— DigitalBridge hija ditta ta' investiment fl-infrastruttura diġitali fuq skala dinjija li tinvesti f'ċentri tad-data, torrijiet tat-telefonija ċellulari, networks tal-fibra, ċelloli żgħar, u infrastruttura tal-edge,

— Skyline JV tiżviluppa u tinvesti f'infrastruttura ta'ċentri ta' data madwar ir-reġjun Asja-Paċifiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2] għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12063 — SUNSTONE / PLATINUM GLOBE / DIGITALBRIDGE / SKYLINE JV

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË